MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2006

Avviz Numru. 46/2006

**Joseph Camilleri [ID 994448M]**

**vs**

**Margret Baldacchino**

**I**l-Qorti,

Wara li rat it-talba ta’ l-attur ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas tas-somma ta’ elfejn, hames mija u wiehed u sittin lira Maltin u tnax-il centezmu (Lm2,561.12), u cioe kwantu ghal elf u seba’ mitt lira Maltin (Lm1,700) rapprezentanti r-rimanenti bilanc formanti parti minn somma akbar u kwantu ghal tliet mija u hamsa u hamsin lira Maltin u disa’ centezmi (Lm355.09) interessi bir-rata ta’ sitta fil-mija (6%) mid-29 ta’ Ottubru 2002 sat-30 ta’ Jannar 2006 u dan skond kuntratt ta’ l-ewwel (1) ta’ Novembru 2002 oltre imghaxijiet ulterjuri mill-1 ta’ Frar, 2006 sad-data tal-pagament effettiv.

Rat illi l-konvenuta baqghet kontumaci.

Semghet ix-xhieda ta’ l-attur.

Fil-kontumacja tal-konvenuta u billi l-Qorti hi sodisfatta li l-attur ghandu ragun fit-talba tieghu.

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------